MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 811/2010

**Mobisle Communications Limited – C-24655**

**vs**

**Maria Reed**
**ID-771050(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sitta u tmenin Ewro u disghin centezmu (€286.90c), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *419661* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru

ipprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi l-ammont reklamat ma huwiex dovut in toto stante li l-esponenti rraportat li nsterqilha l-mobile xi gimghatejn wara li nghatalha. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni, is-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta ghal servizz ta' telefonija, u dan ghall-perjodu mill-14 ta' Ottubru, 2008 sat-30 ta' Gunju, 2008, kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici. Illi mill-istess dokumenti jirrizulta illi huwa dovut *rental charge* fl-ammont ta' sittax-il Ewro u hamsa u disghin centezmu (€16.95c) ghal kull xahar, ghalkemm fl-ewwel xahar l-ammont kien ta' sitta u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€26.79c), oltre ammonti zghar ohra ghal telefonati li saru, u *sms*' li ntbaghtu, minn dan in-numru tat-telephone cellulari fil-perjodu msemmi, u dan kif dettaljat fl-istess rendikont li gie pprezentat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Illi da parti taghha, l-konvenuta ssostni illi m'ghandhiex thallas l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghaliex tilfet il-*mobile phone* li mieghu kien abbinat is-servizz in kwistjoni, u li ghalhekk kwalunkwe uzu li seta' sar minn din il-linja tat-telephone sabiex saru telefonati u ntbaghtu *sms*', ma sarux minnha. Illi dwar meta ntilef dan il-mobile phone, il-konvenuta ddikjarat illi dan kien madwar sentejn u nofs, jew tlieta, qabel ma tat id-deposizzjoni taghha quddiem dan it-Tribunal f'Ottubru, 2011, filwaqt illi fir-

risposta taghha, l-istess konvenuta ddikjarat illi kien madwar gimghatejn wara li nghata lilha. Hi stqarret ukoll, illi meta tilfet il-mobile phone, marret tavza minnufih dwar dan f'fergha tas-socjeta' attrici, u ghalkemm qalet illi nghatat karta minn persuna fil-fergha tal-Fgura, dan id-dokument ma giex ipprezentat mill-istess konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta ghat-talba ghall-hlas li saret lilha mis-socjeta' attrici hija bbazata unikament fuq il-premessa illi l-mobile phone, li mieghu kien abbinat is-servizz ta' telefonija pprovdut mis-socjeta' attrici, intilef, u li ghalhekk m'ghandhiex thallas ghas-servizz relattiv. Illi ghalkemm il-konvenuta ddikjarat illi l-mobile phone taghha tilfitu, hi naqset milli tissostanzja din l-allegazzjoni; dan oltre l-fatt illi naqset milli tindika bi kjarezza meta kien illi dan il-mobile phone intilef, u indikat biss b'mod approssimattiv meta dan sehh. Illi ghalkemm il-konvenuta ddikjarat illi nformat lis-socjeta' attrici minnufih dwar l-akkadut, madanakollu, ma jirrizultax illi hadet il-mizuri mehtiega sabiex taccerta illi kwalunkwe ftehim illi kien hemm fis-sehh mas-socjeta' attrici jigi terminat, u jidher illi s-servizz gie sospiz biss f'Gunju, 2008.

Illi dan oltre l-fatt illi jekk wiehed jezamina d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici, partikolarment ir-rendikont mensili tat-telefonati li saru u *sms*' li ntbaghtu fil-perjodu relattiv, jidher illi ftit li xejn kien qed isir uzu minn dan is-servizz. Illi dan l-istat ta' fatt, fil-fehma tat-Tribunal, ixxejjen l-allegazzjoni tal-attrici illi ma kienitx hi stess li kienet qedha taghmel uzu minn dan il-mobile phone, ghaliex li kieku realment dan il-mobile phone insteraq, u dan kompla jintuza minn min serqu, ma kienx isir uzu daqstant prudenti u mizurat minn dan is-servizz, biex imbaghad l-uzu waqaf hesrem, kif gara fil-kaz in ezami. Illi ghalhekk il-konvenuta naqset milli twassal lil dan it-Tribunal ghal konvinzjoni illi realment sehh dak li gie allegat minnha, u cioe' illi tilfet dan il-mobile phone gimghatejn wara li nghata lilha, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn sitta u tmenin Ewro u disghin centezmu (€286.90c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------